# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 ta' Frar, 2016.**

**Rikors Numru 834/2015 SM**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

***Antipodes Premium Wines Limited***
**(C – 42575)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-3 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu il-Kummissarju rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill Numru 2010/24EU datata s-16 ta' Marzu, 2010, dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet dwar Taxxi, Dazji u Mizuri ohra, illum hi parti mil-ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet dwar

Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra, (Avviz legali Numru 153 tal-2012);

1.2. Illi konsegwenza tal-istess Direttiva u Ordni indikati fil-paragrafu precedenti, l-Kummissarju rikorrenti, f'isem il-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala l-awtorita` kompetenti f'Malta, ghandu l-poter li meta validament mitlub minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jiehu dawk il-passi mehtiega biex jenforza talbiet ghall-hlas ta' taxxi dovuti minn xi persuna;

1.3. Illi dan it-titolu ezekuttiv fuq riferit jitqies daqs li kieku kien titolu ezekuttiv dwar hlas ta' taxxi dovuti lill-Gvern ta' Malta;

1.4. Illi fil-kaz odjern l-awtorita` kompetenti tal-Isvezja, membru tal-Unjoni Ewropeja, indikat lis-socjeta` intimata bhala persuna li ghandha taghti disgha mija erbgha u ghoxrin elf, sitt mija tnejn u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmu, (€924,632.33), dazju tas-sisa, imghax u spejjez ghall-perjodu bejn Settembru 2011 u Marzu 2012, lill-awtorita` kompetenti fl-Isvezja, (ara foll 5 *et sequitur*);

1.5. Illi dak kollu li titlob l-imsemmija Direttiva rigward it-talba odjerna ghall-infurzar ta' titolu ezekuttiv hu sodisfatt;

1.6. Illi s-socjeta` intimata hi registrata f'Malta;

1.7. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti li jitlobha s-segwenti:

1.7.1. Illi tordna r-registrazzjoni tad-dokument immarkat Dok 'A' bhala titolu ezekuttiv;

1.7.2. Illi tiddikjara li dak kollu li titlob id-Direttiva kien segwit;

1.7.3. Illi tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz, tad-dokument anness mieghu, u tad-digriet relattiv, ikunu notifikati lis-socjeta` intimata skont il-ligi;

2. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita, ordnat li d-dokument imsejjah "strument li jippermetti l-infurzar" ikun anness kif mitlub bhala Dok 'A' mar-rikors promotur minflok dak originarjament anness, (ara foll 53);

3. Rat id-diversi tentattivi biex tigi notifikata s-socjeta` intimata, (ara foll 29 u 55);

4. Semghet lill-abbli raprezentant legali tar-rikorrenti tinforma lill-qorti li *nonostante* dawn it-tentattivi, s-socjeta` intimata baqghet mhux notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz *de quo*;

Ikkunsidrat:

5. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` intimata ma tirrizultax li giet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh skont il-ligi;

6. Illi tenut kont tas-suespost, naqset li tavvera ruhha wahda mir-rekwiziti meqjusa essenzjali biex din il-qorti tqis li l-kawza odjerna tista` tigi avallata;

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess ma tqisx li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha in dizamina, u konsegwentement:

7.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-Kummissarju rikorrenti;

7.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**